MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 300/2010

**Joseph Duca u Josephine Duca**

**vs**

**Zora Vukadinovic**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors fuq indikat datat l-20 t'Awwissu tas-sena 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-intimata biex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi thallas lir-rikorrenti s-somma bilancjali ta' tlett elef, hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro, (€3,528.00), dovuta minnha lir-rikorrenti rapprezentanti hlas ta' kera tal-fond mikri lilha mir-rikorrenti tal-fond numru 36, Flat numru 1, Ground Floor, St. Monica Street, Pieta`;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax mit-3 ta' Dicembru tas-sena 2009, inkluz il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors;**

**Tirrileva li nonostante li l-intimata tirrizulta debitament notifikata bl-istess rikors promotur din baqghet ma intavolat l-ebda risposta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Tirrileva wkoll li ghalkemm l-intimata kellha rizervata ghaliha udjenza bl-iskop li tipprezenta l-provi taghha, l-istess intimata ghazlet li ma tipprezenta l-ebda prova u fil-fatt la dehret hi u lanqas deher xi rapprezentant legali ghaliha;**

**Illi dan hu meqjus daqs li kieku l-istess intimata ddikjarat li m'ghnanda l-ebda provi x'tipproduci;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi mix-xhud prodott jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi l-intimata kienet tikri l-fond bin-numru 36, Flat 1, Triq Santa Monika, Pieta`, minghand ir-rikorrenti;**

**2. Illi l-ammont pretiz mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimata hu ekwivalenti ghall-kera dovuta lilhom fuq il-kera tal-istess fond mill-intimata, u dan, hu bejn wiehed u iehor ekwivalenti ghall-kera dovuta ghall-perjodu ta' disa' (9) xhur;**

**3. Illi nonostante l-procedura odjerna u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolati fil-konfront ta' l-istess intimata, din l-intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha titkompla din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi stante li ghalkemm debitament notifikata, l-intimata baqghet ma wriet l-ebda interess fil-procedura**

**odjerna, din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni valida fil-ligi biex ma temminx il-verzjoni tar-rikorrenti;**

**Ghaldaqstant qed takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Duca u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara li l-intimata Zora Vukadinovic ghandha taghti tlett elef, hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro, (€3,528.00), lir-rikorrenti Joseph u Josephine Duca, ammont dovut ghall-kera tal-fond minnhom lilha mikri, senjatament il-fond numru 36, Flat 1, Ground Floor, St. Monica Street, Pieta`;**

**2. Tikkundanna lill-istess intimata biex thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti fuq indikati;**

**3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------